MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1798/2004

**Capua Palace Limited**

**Vs**

**Lucienne u b'digriet tat-Tribunal tal-21 ta' Jannar, 2003**
**gie nserit il-kliem "u Fathi" Abushkewa u b'digriet tat-Tribunal tat-12 ta' Marzu, 2004 giet imsejha fil-kawza s-socjeta' Middlesea Insurance plc**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm335) dovuti ghall-

akkomodazzjoni u servizzi medici pprestati lilha bl-interessi u bl-ispejjez.
Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi l-gudizzju mhux integru ghaliex hija mizzewga lil Fathi Abushkewa li mhux parti. Li ghandha tigi kjamata fil-kawza s-socjeta' assiguratrici Laferla Insurance Agency Limited stante li l-konvenuta kienet koperta bil-polza ta' assigurazzjoni. Illi s-socjeta' attrici ma nterpellatx lill-konvenuta biex thallas, anzi s-socjeta' attrici b'Ittra tat-28 ta' Frar, 2002 spjegat lill-konvenuta li l-ispejjez sejrin jingabru mis-socjeta' assiguratrici u bla pregudizzju l-konvenuta m'ghandha thallas xejn lis-socjeta' attrici.

Ra d-digriet tat-12 ta' Marzu, 2004 li bih giet imsejha fil-kawza s-socjeta' Middlesea Insurance plc.

Ra r-Risposta ta' Middlesea Insurance plc li biha wiegbet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li s-socjeta' eccipjenti m'hijiex il-legittimu kontradittur, li s-socjeta' eccipjenti qatt ma tat l-istruzzjonijiet taghha sabiex is-socjeta' attrici taghti l-kura u s-servizzi medici lill-konvenuta u s-socjeta' eccipjenti qatt ma assumiet l-ebda obbligu ta' hlas ghall-istess. Eccepiet ukoll illi kull inkarigu moghti lis-socjeta' attrici ghall-kura u servizzi medici moghtija minnha lill-konvenuta Lucienne Abushkewa ghandhom jithallsu ghalih mill-konvenuti Abushkewa stante li huma kienu taw l-inkarigu lill-istess socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Rosanne Galea, Lucienne Abushkewa, Dr Charles Borg, Dr Andreevich Hermion, Albert Micallef u Pio Dalli.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.
Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Paul Borg Olivier ghall-konvenuta u ta' Dr Joseph Borg Bartolo ghas-socjeta' msejha fil-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fis-26 ta’ Frar, 2001 il-konvenuta mliet *Proposal Form* sabiex jigu assigurati hi u z-zewgt itfal taghha Sirage u Sarah. Din it-talba giet accettata u l-polza harget fl-14 ta’ Marzu, 2001 minghajr *exclusions*.

Gara illi fit-2 ta’ Mejju, 2001 il-konvenuta hadet lit-tifel taghha Sirage ghand it-tabib Dr Charles Borg billi kellu grizmejh jugghuh u t-tabib innota li kellu nfjammazzjoni li kienet tinhtieg operazzjoni. Meta l-konvenuta giet biex thallas u pprezentat il-formola sabiex tiehu l-kumpens lura ghall-finijiet ta’ assigurazzjoni, t-tabib issuggerielha illi kieku riedet setghet taghmel l-operazzjoni privatament il-Capua minflok ma taghmilha St Luke’s u l-konvenuta accettat li jsir hekk. Saru d-debiti verifika kemm min-naha tat-tabib kif ukoll mill-konvenuta tramite l-*broker* taghha Galea Insurance Brokers u t-tifel gie operat fis-16 ta’ Mejju, 2001.

Qabel ma saret l-operazzjoni, rapprezentanti ta’ l-isptar baghtu talba lil Laferla Insurance Agency Limited li dak iz-zmien kienu agenti tal-Middlesea Insurance plc fejn infurmawhom bil-propost intervent u kienx ser ikun hemm *direct settlement* da parti ta’ l-assigurazzjoni u r-risposta ntbaghtet dakinhar stess, cjoe’ ftit minuti wara, fejn ghat-tlett domandi li saru cjoe’, ‘Yes, No jew Conditional’, immarkaw il-kaxxa:

‘Conditional’

u b’risposta ghat-talba biex jaghtu ragunijiet, il-kliem miktub huwa:

‘Suspicion of pre-existence’

Il-konvenuta ma kienet taf xejn dwar dan u saret tafu biss hi u hierga mill-isptar wara l-intervent fejn giet mitluba biex thallsu izda l-konvenuta m’accettatx.

Ma semghet xejn wara dan hlief li permezz ta' Ittra tat-28 ta' Frar, 2002 is-socjeta' attrici kitbitilha u talbitha biex thallas ghall-extras bhal *telephone charges*, ikel u *beverage charges* li ma kienux koperti bl-assigurazzjoni. F'din l-Ittra hemm ukoll indikat:

"Kindly note that direct settlement has been organised with your insurance company for your stay at Capua Hospital on the 17th May, 2001."

Fir-realta' jirrizulta wkoll li l-assigurazzjoni ma hallsitx lil Capua Hospital u b'hekk sehhet l-azzjoni odjerna.

<u>Integrita' tal-Gudizzju</u>

Il-konvenuta eccepiet li l-gudizzju mhux integru billi zewgha mhux parti. F'dan ir-rigward jinghad li ma tressqu l-ebda provi u lanqas ma saru sottomissjonijiet mill-partijiet. Donna l-eccezzjoni ntnesiet. It-Tribunal jidhirlu li ghalkemm kien ikun utli li r-ragel tal-konvenuta jkun prezenti fl-atti, t-Tribunal jidhirlu li l-mankanza tieghu ma tirrenzix l-atti nulli.

Konsegwentement l-eccezzjoni qed tigi michuda.

<u>Il-Mertu – Relazzjoni bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta</u>

Illi f'din il-kawza pprezentaw ruhhom diversi problemi ta' natura legali u anki fattwali. Fl-ewwel lok ghandha tigi ezaminata r-relazzjoni bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta. Din hija rregolata mill-*Admission Form* a fol 26 tal-process u f'din l-*Admission Form* johrog car illi l-konvenuta qieghda tassumi r-responsabbilta' ghall-hlas tant illi fi klawsola 4 hemm specifikat:

“When a third party or insurer has undertaken to settle Capua Palace Limited account for services rendered to the patient, any sum not paid by the third party or insurer will be payable by the patient.”

Huwa evidenti li galadarba s-socjeta’ assiguratrici ma hallsitx lill-isptar, il-konvenuta, bhala omm Sirage u bhala l-persuna li ffirmat l-*Admission Form* trid taghmel tajjeb.

Il-konvenuta argumentat illi kieku hija kienet taf li l-assigurazzjoni mhix ser thallas ma kienetx tiehu lit-tifel privatament ghall-operazzjoni izda kienet taghmilha St Luke’s. Issa f’dan ir-rigward it-Tribunal jinnota illi r-responsabbilta’ ta’ verifika jekk l-assigurazzjoni kienetx ser tkopri kien jinkombi lilha. Hija semplicement infurmat lill-*broker* taghha u strahet mill-informazzjoni lilha moghtija mill-istess *broker* li kien qed jagixxi ghan-nom taghha u mhux ghan-nom ta’ l-assigurazzjoni. Jekk il-*broker* ma tahiex informazzjoni korretta din hija problema bejnha u l-*broker* izda ma jaffettawx ir-relazzjoni kuntrattwali bejnha u l-isptar.

Illi ghalhekk jirrizulta car illi t-talba attrici kif dedotta fil-konfront tal-konvenuta ghandha tigi akkolta.

<u>Is-socjeta’ msejha fil-kawza</u>

It-tema l-aktar problematika tirrigwarda lis-socjeta’ msejha fil-kawza. Fil-vesti taghha ta’ socjeta’ msejha fil-kawza, din tista’ tigi kkundannata thallas u daqstant it-talba attrici tista’ tigi michuda fil-konfront taghha. It-Tribunal jista’ jaghzel li jilliberaha mill-osservanza. Pero’ m’hemmx dubju li fil-kaz odjern il-prezenza tas-socjeta’ msejha fil-kawza kienet utli u necessarja.

Illi inoltre ma jistax jigi njorat illi fil-kaz odjern kif ser jirrizulta aktar ‘il quddiem, il-prezenza tas-socjeta’ msejha fil-kawza kienet necessarja wkoll ghal skopijiet ta’ ekonomija ta’ gudizzju biex b’hekk jigu ventilati w epurati l-

kwistjonijiet li qamu bejn il-konvenuta u l-istess socjeta’ assiguratrici li fl-ahhar mill-ahhar ghandhom anki rifless fuq il-hlas mitlub mis-socjeta’ attrici.

Is-socjeta’ msejha fil-kawza qieghda ssostni illi m’ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici. Fuq dan l-aspett is-sitwazzjoni hija daqsxejn nebolusa. M’hemmx dubju illi l-polza ta’ assigurazzjoni saret bejn il-konvenuta u bejn is-socjeta’ msejha fil-kawza u li l-isptar ma kienx parti f’din il-polza. Izda jirrizulta wkoll illi mill-*Admission Form*, il-konvenuta nfurmat lill-isptar li hija koperta b’assigurazzjoni u tissemma’ s-socjeta’ Laferla Insurance Agency Limited li dak iz-zmien kienet agent tas-socjeta’ msejha fil-kawza.

Wara li giet trasmessa din l-informazzjoni l-isptar baghat talba ghad-*direct settlement* da parti ta’ l-assigurazzjoni u l-assigurazzjoni wiegbet li f’dak il-mument it-twegiba taghha kienet ikkundizzjonata billi f’dak il-mument kellhom suspett ta’ *pre-existing condition*. F’dan ir-rigward it-Tribunal ihoss illi meta giet mibghuta risposta b’dan il-mod, galadarba r-risposta kienet wahda kundizzjonata jigifieri, la iva u lanqas le, l-obbligu ta’ hlas *o meno* da parti tas-socjeta’ assiguratrici kien jiddependi mill-ezitu finali ta’ dan is-suspett.

Illi ghalhekk biex jigi determinat jekk hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ msejha fil-kawza huwa necessarju li jigi ezaminat jekk kienx gustifikat is-suspett ta’ l-istess socjeta’ assiguratrici. Jekk dan is-suspett huwa gustifikat allura dan iwassal ghar-risposta li ma kienx ikun *direct settlement* u b’hekk dan il-kapitolu jigi maghluq u mill-banda l-ohra, jekk is-suspett ma kienx wiehed fondat dan kien ifisser illi r-risposta ghall-hlas dirett kienet tkun “iva” u b’hekk tinholoq relazzjoni diretta u dan il-hsieb anki huwa rifless b’mod indirett mill-Ittra mibghuta mill-isptar lill-konvenuta fi Frar 2002 fuq imsemmija.

It-Tribunal issa ser jghaddi biex jezamina l-*Proposal Form*.

Fil-parti fejn tintalab il-*medical history* tal-persuni li ser jigu assigurati hemm disa' mistoqsijiet li jekk tghid "iva" ghal xi wahda minnhom, trid taghti aktar dettalji fi spazju ta' erba' linji fl-istess formola. Fir-rigward ta' l-ewwel tlett domandi, cjoe' jekk il-pazjent rax tabib, inghatax ricetta/ricetti ghall-pilloli, njezzjonijiet jew medikamenti ghal dawn l-ahhar sentejn, jekk il-pazjent rax specjalista dawn l-ahhar sentejn rigward xi kundizzjoni medika attwali jew suspettuza u jekk il-pazjent iddahhalx l-isptar jew dar tal-kura dawn l-ahhar erba' snin kien hemm risposta fl-affermattiv.

Dwar id-dettalji ulterjuri dwar dawn ir-risposti fir-rigward tat-tifel Sirage r-risposta giet relatata ghall-ewwel zewg mistoqsijiet fejn kellu kundizzjoni "Coids" u ha kura permezz ta' pilloli u l-kundizzjoni ma baqghetx tezisti.
F'dawn il-proceduri qam suspett jekk il-problema ta' tonsillite kienetx wahda pre-ezistenti, cjoe' kienetx tezisti qabel ma harget il-*Proposal Form* u fuq dan l-aspett l-Ittra mibghuta minn Dr Charles Borg fis-16 ta' Mejju, 2001 holqot is-suspett li probabbilment tat lok ghall-vertenza odjerna. It-tabib Borg huwa l-istess tabib li hajjar lill-konvenuta sabiex it-tifel jaghmel l-operazzjoni privatament u mhux St Luke's. Fl-Ittra qal hekk:

"The above child, whom I have seen before, whom I have seen more than once, is suffering from recurrent tonsillitis, adenoiditis and otitis media. In view of this, I have recommended he undergoes adenotonsillectomy and hyringotomy."

Meta l-assigurazzjoni, cjoe' Pio Dalli ta' Laferla Insurance Agency Limited gie mgharraf b'din l-Ittra huwa ma' l-ewwel issuspetta li l-kundizzjoni kienet pre-ezistenti ghall-polza tant illi anki rrefera ghat-tabib konsulent taghhom li kkonfermalhom is-suspetti tieghu.

B'danakollu, Dr Charles Borg kiteb Ittra ohra fl-24 ta' Mejju, 2001 fejn spjega illi meta huwa kien indika li kien ra lil Sirage qabel, huwa seta' ghamel dan bi zball u fil-fatt afferma hekk:

"It must be stressed that this was the first time ever that surgery for Sirage's condition was suggested by me or anyone else."

"Also, since then, I have been fully assured by the mother that that was the first time I had seen the boy for that condition. It follows, that I must have been under a mistaken impression when I released the previous certificate stated otherwise. This genuine mistake could possibly have arisen from the fact that the child was familiar to me, since he was always present at the frequent occasions I saw his sister, who I operated last year at St Luke's. I hope this clarifies any misunderstandings."

Jidher li din l-Ittra ma kienetx ta' konfort ghas-socjeta' kjamata fil-kawza.

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza jirrizulta wkoll illi f'Dicembru ta' qabel it-tifel Sirage kien iddahhal l-isptar San Luqa billi kien qed ibati minn qtugh ta' nifs u deni u t-Tabib Abramovich issuspetta li kellu meningite u zammu l-isptar a bazi ta' dan is-suspett. Huwa minnu li kellu t-tonsilli nfjammati izda ma kellux *bacteria*. Kif gie spjegat lil dan it-Tribunal, dan jista' jwassal jew ma jwassalx ghall-eventwali operazzjoni ta' tonsillite.

Illi huwa maghruf illi meta bniedem jimla' l-*Proposal Form* irid jimliha bl-ahjar abbilta' tieghu bil-massima *buona fede*. Naturalment wiehed m'huwiex presunt li jaghti nformazzjoni assoluta billi hadd m'hu omnixxjenti izda jrid jirrispondi d-domandi fl-ahjar abbilta' tieghu. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Paul Schembri et Vs Joseph Grech nomine (Citazz. 1571/92) moghtija fit-28 ta' Novembru, 2003, l-ezami f'dan ir-rigward tal-*best knowledge and belief* ta' l-assigurat huwa wiehed suggettiv ghalih. Jekk l-assigurat ma kellu ebda suspett jew taghrif fil-mument li saret il-*Proposal Form* u harget il-konsegwali polza ta' assigurazzjoni dwar x'se jigri

fil-futur, ma jistax jinghad illi kien *in mala fede* jew kien hemm xi haga li ma gietx imsemmija.

Huwa minnu illi l-konvenuta ma semmietx li t-tifel kien iddahhal l-isptar f'Dicembru ta' qabel fuq suspett ta' meningite izda huwa nzamm hemm ghal skopijiet ta' osservazzjoni aktar minn haga ohra kif jidher car mix-xhieda ta' Dr Abramovich.

Illi meta nkitbet il-*Proposal Form* bil-mod kif inkitbet, is-socjeta' assiguratrici kkundizzjonat it-talba taghha ta' *disclosure* ghad-domandi minnhom maghmula. Meta hija rceviet il-*Proposal Form*, accettatha kif inhi, u m'ghamlet l-ebda talba ghall-verifiki ulterjuri. Jekk il-*Proposal Form* ma timteliex sewwa din twassal ghall-invalidita' tal-polza u dikjarazzjoni dwar dan il-punt certament ma jispettax lil dan it-Tribunal izda dan it-Tribunal jinnota illi mill-provi prodotti f'din l-istanza mad-daqqa t'ghajn ma jidhirx li jirrizultaw problemi daqstant serji biex iwasslu ghall-invalidita' ta' l-istess polza.

It-Tribunal ma jistax ma jistriehx fuq ix-xhieda moghtija mit-tabib li ezamina lit-tifel li qal illi <u>qabel il-bidu ta' Mejju 2001 hadd ma kien irrakkomanda xi ntervent kirurgiku</u> lit-tifel u inoltre m'hemmx provi li qabel Frar 2001 it-tifel kien qieghed ibati minn tonsillite li seta' jwassal ghall-operazzjoni in kwistjoni. Mill-provi prodotti jidher illi l-intervent in kwistjoni gie necessitat minhabba nfjammazzjoni serja fit-tonsilli tat-tifel Sirage f'Mejju 2001 u mhux qabel. Huwa minnu li f'Dicembru t-tifel gja' kellu evidenza ta' nfjammazzjoni tat-tonsilli izda dan kien minghajr *bacteria* u kienet differenti mill-kundizzjoni li sofra biha f'Mejju 2001.

Illi ghalhekk, ghalkemm it-Tribunal ihoss illi l-assigurazzjoni kienet gustifikata li turi li kellha suspetti ta' *pre-existing condition* u dan partikolarment a tenur ta' l-ewwel Ittra miktuba minn Dr Charles Borg, pero' t-Tribunal huwa daqstant sodisfatt illi minn ezami ulterjuri ta' tali suspett, dan kien wiehed infondat u kien rizultat biss ta' *misunderstanding* a bazi tal-kitba nfelici fl-ewwel Ittra ta' l-imsemmi Dr Charles Borg. Fix-xhieda tieghu quddiem

dan it-Tribunal, l-izball minnu maghmul gie ccarat u epurat.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi galadarba s-suspett ta' *pre-existing condition* ezaminat a bazi tal-fatti mressqa quddiemu, li l-eventwali risposta dwar l-imsemmija "condition" ghandha tkun "iva" u cjoe' li s-suspett m'huwiex gustifikat u konsegwentement ghandu jkun hemm *direct settlement*.

Din ir-risposta twassal biex tohloq rabta guridika bejn is-socjeta' kjamata fil-kawza u s-socjeta' attrici u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni, l-mertu relattiv ghal dan il-punt gja' gie ezaminat, trattat u determinat fil-kontradizzjonijiet premessi u ghall-istess ragunijiet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' kjamata fil-kawza wkoll qieghda tigi respinta.
Jirrizulta li effettivament is-socjeta' attrici pprestat is-servigi minnha rezi lill-konvenuta u li l-konvenuta ghandha thallas ghalih u jirrizulta wkoll illi l-konvenuta kienet koperta taht polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' kjamata fil-kawza u li din il-polza ta' assigurazzjoni ghandha twiegeb ghall-*claim* maghmul relattiv ghall-kaz odjern.

Illi ghalhekk il-konvenuta u s-socjeta' kjamata fil-kawza ghandhom jigu kkundannati biex ihallsu lis-socjeta' attrici in solidarjament bejniethom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuta u lis-socjeta' msejha fil-kawza solidarjament sabiex ihallsu s-somma mitluba ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm335) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------